**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 37 – IT-TLIETA, 5 TA' NOVEMBRU 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Joe Woods | Viċi Chairperson |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 36 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Fuq proposta taċ-Chairperson kien hemm qbil li f'para. 4.2, wara l-kelma 'ċint' fl-ewwel sentenza jiddaħħlu l-kliem 'fid-dawra ta' Xatt il-Palm'.

1.3. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati kif emendati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* għamlet riferenza għall-*email* mingħand il-Kunsill Lokali In-Naxxar fejn ingħad li daħal ilment li l-funtana ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli mhix qiegħda taħdem sewwa, u kkonfermat. Tali komunikazzjoni ntbagħtet lill-Perit Anton Camilleri.

2.2. Iċ-Chairperson fakkret li l-laqgħa mal-Onor. Herrera se ssir l-għada s-6 ta' Novembru fit-3pm.

### 3. ATTIVITÀ TAL-MILIED

3.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li kellha ma' Fr Paul Attard flimkien mas-Sinj. Evelyn Muscat u s-Sinj. Maria Vella nhar il-15 ta' Ottubru 2013.

3.2. Fr Paul Attard qal li se jistaqsi lill-katekisti jekk joġġezzjonawx li l-attività tal-Milied issir b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.3. Il-Kumitat Amministrattiv jistenna konferma mingħand Fr Paul Attard f'dan ir-rigward u f'każ ta' konferma, huma lesti li jagħtu l-kontribut tagħhom mill-aħjar li jistgħu.

3.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-attività tal-Milied se ssir fis-16 ta' Diċembru 2013.

3.5. Il-Kumitat Amministrattiv qabel li din is-sena għandu jsir tiżjin tad-dawl tal-Milied fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Hija semmiet li s-sena li għaddiet xtaqu li jkollhom xi tiżjin mal-arbli tipo disinnji ta' ċfuf iżda finalment ma sarux. Is-SE wiegħed li se jara kif jagħmel biex din is-sena jiżdied id-dawl.

## 4. FTEHIM DWAR L-UŻU TAS-SALA TAL-KNISJA

4.1. Iċ-*Chairperson* sostniet li Fr Paul Attard qal li l-Provinċjal ma aċċettax l-offerta ta' €50 għal kull kors li jsir fis-sala Santa Marija tal-Anġli.

4.2. F'dan id-dawl is-Segretarju Eżekuttiv ġie mistoqsi jekk jistgħux iżidu l-offerta u rrisponda fl-affermattiv. Hekk il-membri tal-Kumitat, unanimamet qablu li għandhom iżidu l-offerta għal €80 kull kors.

## 5. SISTEMA TA' ONE WAYS GĦAL TRIQ SANTA KLARA U TREJQET IL-KAMPANJOL

5.1. Is-Sinj. Cuomo esprimiet fhemitha li jekk Trejqet il-Kampanjol mhix se ssir, in-nies mhux se jagħżlu li jgħaddu minnha.

5.2. F'dan ir-rigward hija żiedet tgħid li se ssaqsi l-Onor. Jose Herrera l-għaliex il-Kumitat Amministrattiv m'għandux ikollu vot fil-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam maż-żona tagħhom. Hija tal-fehma li għandu jkun hemm rappreżentanza bi dritt ta' vot.

5.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li preżentament il-maġġoranza tan-nies qegħdin jgħaddu minn Triq Santa Klara. B'dan qiegħed jinħoloq inkonvenjent, il-għaliex it-triq mhix wiegħsa filwaqt li Trejqet il-Kampanjol tinsab fi stat ħażin.

## 6. SKEMA TA' ATTIVITAJIET GĦALL-2014

6.1. Kien hemm deċiżjoni unanima li l-Kumitat għandu jissuġġerixxi li fis-sena 2014 għandha terġa' tiġi organizzatha l-attività Arts in the Park. Bħala żmien kien deċiż li għandha tiġi organizzata f'Settembru 2014 kif kien maħsub għas-sena 2013.

6.2. F'dan id-dawl il-Kumitat preżenti se japplika għal din l-attività.

## 7. ILMENTI U TALBIET

7.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li Fr Paul Attard għandu jibgħat jistaqsi lill-Kunsill Lokali In-Naxxar jekk iridx jikkollabora miegħu fl-organizzazzjoni ta' attività.

7.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm bżonn nibagħtu lil xi ħaddiema sabiex jgħollu żewġ tabelli 'No Entry' il-għaliex huma baxxi. Dawn jinsabu fi Triq is-Sikka.

7.3. Is-Sinj. Cuomo u s-Sinj. Muscat qalu li fid-dawl tal-eżerċizzju li kellhom jagħmlu fir-rigward tat-tabelli tal-ismijiet tat-toroq, kważi lesti izda baqalhom xi toroq. Żiedu jgħidu li ħafna mit-tabelli ma jinsabux quddiem residenza iżda quddiem ħitan tal-Gvern Ċentrali.

7.4. Fir-rispett tat-tabelli tal-ismijiet tat-toroq, is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li minflok taċ-ċeramika l-Kumitat jikkunsidra jagħmilhom fuq stil differenti li jkunu baxxi fuq żewġ pilastri. Apparti li jkunu sbieħ, ma jkunx jinħtiġielhom ħafna manutenzjoni. Il-Kumitat qabel.

7.5. Iċ-*Chairperson* irrappurtat li fi Triq Xatt il-Palm kantuniera ma' Triq ir-Ridott hemm dar mitluqa li minnha qiegħed jaqa' l-ġebel. F'dan id-dawl hija talbet lill-Kunsill Lokali In-Naxxar sabiex nirrappurtaw dan il-każ lill-pulizija.

7.6. Is-Sur Bonello staqsa jekk jistgħux isiru iżjed *doggie bins*. Il-Kumitat però ma qabilx.

7.7. Is-Sur Bonello staqsa wkoll il-bring-in-sites meta jitbattlu. Il-Kumitat ma kienx jaf jirrispondi l-għaliex qatt ma ġew mgħarfa b'xi programm ta' xogħol mingħand il-

Green MT. Is-Sinj. Cuomo ħadet l-okkażjoni biex issemmi li l-*bring-in-sites* li hemm fi Triq is-Sikka ħafna drabi jkunu mimlija.

7.8. Is-Sur Bonello informa lill-Kunsill Lokali li hemm *water leakage* fi Triq il-Ġdida fi Triq l-Imsaqqfin.

**8. TMIEM IL-LAQGĦA**

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru, 2013 ghal 4:45pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:35pm.

Mary Anne Cuomo

**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM

**Segretarju Eżekuttiv**